# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)
**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **196/2025/1 (AD)**

**AVUKAT JOSEPH MIZZI**
**BĦALA MANDATARJU TA'**
**IURII DEGTIAR (PASSAPORT UKREN PU714904) U**
**MYKHAILO TRETIAK (PASSAPORT UKREN FG347129)**

**VS**

**MB SHIPPING LIMITED (C 40945) U**
**TETIANA TYSPKUNOVA (PASSAPORT UKREN FH298444)**
**FIL-KWALITA' TAGĦHA TA' DIRETTUR TA' MB SHIPPING LIMITED**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tar-rikorrent noe ippreżentat fil-ħamsa (5) ta' Frar 2025;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fil-ħamsa (5) ta' Frar 2025, ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli **jagħmlu kwalunkwe trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe pagamenti, sia lil terzi kif ukoll lil kwalunkwe entitajiet kontrollati, direttament jew indirettament minn xi wieħed mill-azzjonaisti, mill-kontijiet bankarji li jinstabu intestati f'isem is-soċjeta' intimata MB Shipping Limited, u cioe ma' Credit Suisse – UBS u/jew ma' Banque Privee SA ġol-iSvizzera, u/jew Pireus Bank SA ġewwa l-Greċja jew fi kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra u dan sakemm tittieħed deċiżjoni finali fuq it-tneħħija tad-Direttur preżenti Tetiana Tyspkunova (detentriċi ta' passaport Ukren FH 298444) li ser tittieħed f'laqgħa ġenerali u straordinarja li ġiet mitluba mir-rikorrenti fil-kapaċita' tagħhom ta' azzjonisti ai termini tal-Artikolu 129 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta' Frar 2025 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Is-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata bir-rikors tar-rikorrent noe nhar il-ħamsa (5) ta' Frar 2025, filwaqt illi l-intimata Tyspkunova tat ruħha b'notifikata waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2025. Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta datata tnax (12) ta' Frar 2025, filwaqt illi l-intimata Tyspkunova ppreżentat risposta *seduta stante* nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2025. Fir-risposta tagħha, is-soċjeta' intimata tibda billi teċċepixxi illi hija mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, iżda fil-kumplament, ir-risposti tal-intimati huma prattikament identiċi, b'dana illi l-intimati joġġezzjonaw għat-talba tar-rikorrenti billi jissottomettu illi: (a) ir-rikorrent noe naqas milli juri liema hu dak il-jedd li qiegħed jittenta li jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat; (b) ir-rikorrent noe jibbaża t-talba tiegħu fuq sempliċi suspetti illi Tetiana Tyspkunova qed taġixxi kontra l-interessi tal-kumpanija, b'dana illi mhux ċar x'inhu d-dritt *prima facie* illi r-rikorrent noe qed jivvanta fil-konfront tas-soċjeta' intimata, u talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ma tintlaqax a bażi ta' suspett; (c) il-preġudizzju illi jista' jiġi

arrekat lir-rikorrent noe mhux wieħed ta' natura rrimedjabbli; u (d) il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti aktar minn rimedju wieħed lill-mandanti tar-rikorrent noe qua membri tal-kumpanija sabiex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe preġudizzju li jsostnu li qed isofru bl-aġir tal-intimati jew min minnhom.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2025;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

8. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

9. Jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent noe għandu xi jedd *prima facie*;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent noe qed jippretendi illi għandu;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent noe qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent noe fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

10. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

11. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

12. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

13. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimati hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrent noe, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrent noe, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

14. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

15. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkunu ser isofru r-rikorrenti permezz tal-att illi qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi*

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

*mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

16. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

17. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

---

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

18. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

## A. Leġittima Kontradittriċi

19. Is-soċjeta' intimata tibda billi teċċepixxi illi hija mhix il-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni, gialadarba dak illi r-rikorrenti qed jitolbu illi jiġi inibit jista' jiġi esegwit biss mill-intimata Tyspkunova qua Direttriċi;

20. Eċċezzjoni preliminari simili ngħatat fil-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited vs Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura***[8] u din il-Qorti kif diversement presjeduta rrilevat:

> *Il-Qorti tagħraf illi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari bħal ma hi l-eċċezzjoni fuq il-leġittimu kontradittur "m'humiex, ġeneralment, ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak"* [***JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti et***, Mandat Nru 977/2012 JRM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Lulju 2012]. *L-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari huma kwistjonijiet solitu mħollija għal Qorti li tkun vestita bl-eżami tal-kwistjoni fuq il-mertu. Dan magħdud, din il-Qorti pero' tagħraf li ġurisprudenza m'hijiex waħda konsistenti fuq din il-materja* [Ara ***Rosette Thake et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***, Mandat Nru 545/2016 JPG, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 10 ta' Mejju 2016. Ara wkoll ***Park Hotel Ltd et***

[8] Mandat t'Inibizzjoni Nru 49/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 7 ta' Frar 2020

***vs Malta Tourism et***, Mandat Nru 799/2019 RGM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 1 ta' Lulju 2019].

*In vista ta' dan il-Qorti sejra brevement teżamina l-eċċezzjoni preliminari qabel tidħol fil-meritu tal-mandat mitlub.*

21. Insenjament simili ngħata wkoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Duncan Robinson vs Teewinot Marine Malta Limited***[9]**,** fejn, minkejja illi l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu kemmxejn differenti minn dawk tal-każ odjern, il-Qorti rinfaċċjata b'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kellha tiddeċiedi dwar eċċezzjoni ta' natura preliminari rigward il-*locus standi* tal-intimat. Din il-Qorti kif diversement presjeduta allaċċjat id-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari mal-element tal-*prima facie* illi ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem, u sostniet:

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, ikkonsidrat li r-rikorrent għandu jipprova, almenu prima facie li għandu jedd x'jinvoka kontra l-intimat eżekutant. Mhuwiex biżżejjed li juri li għandu dritt tutelabbli, imma li dak id-dritt huwa tutelabbli kontra min hu debitur tiegħu.* ***Fin-nuqqas, l-intimat ma jkunx il-leġittimu kontradittur tal-mandat****. Ovvjament huwa biżżejjed li dan in-ness giuridiku jissussisti mad-daqqa t'għajn għaliex din il-Qorti hija prekluża milli tindaga b'mod aktar approfondit dak li jispetta lill-Qorti adita mill-kawża.*

22. Fil-każ odjern, jidher illi filwaqt illi huwa minnu illi hija l-intimata Tyspkunova illi teffettwa l-ħlas u tawtorizza l-pagamenti, effettivament hija għandha obbligu lejn il-kumpanija, u, qua Direttriċi, taġixxi bħala, *inter alia*, mandatarja u fiduċjarja tas-soċjeta' intimata[10], b'dana illi l-ħlasijiet illi jsiru,

---

[9] Rik għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 637/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 10 ta' Ġunju 2019 (emfasi miżjud minn din il-Qorti)

[10] Vide Muscat, Prof A, *Principles of Maltese Company Law* (Gutenberg Press Ltd, 2007, 1st Edn) pp 411-417

jkunu qed isiru mis-soċjeta' intimata. Għaldaqstant, fuq bażi *prima facie*, din il-Qorti hija tal-fehma illi dak illi qed jitolbu r-rikorrenti ma jistax jintalab biss fil-konfront tad-Direttriċi intimata, iżda wkoll fil-konfront tas-soċjeta' intimata, bħala entita' separata u distinta minn dik tad-Direttriċi intimata u bħala l-persuna illi fl-aħħar mill-aħħar tkun qed teffettwa l-pagamenti;

23. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix sejra tillibera lis-soċjeta' intimata mill-osservanza tal-ġudizzju f'dan l-istadju.

**B. <u>L-Ewwel Rekwiżit</u>: <u>Jedd *Prima Facie*</u>**

24. Ir-rikorrent noe jsostni illi Iurii Degtiar u Mykhailo Tretiak, cioe l-mandanti tiegħu, huma azzjonisti fis-soċjeta' intimata u jżommu maġġoranza sempliċi tal-voti mill-membri tas-soċjeta' intimata. Huwa jikkontendi illi d-Direttriċi tas-soċjeta' intimata, u cioe l-intimata Tetiana Tyspkunova, mhix qed taġixxi fl-aħjar interess tas-soċjeta' intimata, u dana billi qed tiġġestixxi s-soċjeta' intimata fuq struzzjonijiet diretti t'azzjonist terz fis-soċjeta' intimata, illi fetaħ soċjeta' terza bl-isem ta' MB Navigation S.A. illi qed tippromwovi ruħha bħala parti mill-iżvilupp u riorganizzazzjoni tas-soċjeta' intimata. Ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-klijenti u l-operat tas-soċjeta' intimata qed jiġu trasferiti fl-intier tagħhom fuq is-soċjeta' terza bi preġudizzju irrimedjabbli għal Degtiar u Tretiak, illi wisq jibżgħu illi d-Direttriċi ser tkompli taġixxi kontra l-interessi tas-soċjeta' intimata sakemm tissejjaħ il-laqgħa ġenerali straordinarja, u dan billi tagħmel pagamenti lil terzi bi preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrenti;

25. Din il-Qorti rat illi ġie ampjament pruvat illi r-rikorrenti huma azzjonisti b'sehem maġġoritarju bejniethom. Dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa sufficjenti sabiex jingħad illi huma għandhom jedd *prima facie* jitolbu l-ħruġ tal-mandat odjern fil-konfront tal-intimati, u dan riżultanti mill-pożizzjoni tagħhom fil-kumpanija u mill-fatt illi kwalsiasi ħsara illi tista' ssir lis-soċjeta' intimata effettivament ser ibatu minnha huma wkoll qua azzjonisti;

26. Din il-Qorti tqis għalhekk illi l-ewwel element jissussisti u ġie sodisfatt.

**B. <u>It-Tieni Rekwiżit</u>: <u>Il-Ħtieġa tal-Mandat</u>**

27. Huwa hawnhekk illi t-talba tar-rikorrenti, fil-fehma tal-Qorti, tfalli. Il-Qorti rat illi, hekk kif tajjeb jgħidu l-intimati fir-risposti rispettivi tagħhom, ir-rikorrenti għandhom diversi mezzi ordinarji illi bihom jistgħu jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom, fosthom permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tagħtihom il-possibilta' illi jitolbu lil din il-qorti tagħti ordnijiet sabiex, *inter alia*, tirregola t-tmexxija tal-affarijiet fil-kumpanija fil-futur u/jew tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost. Dan mingħajr il-ħtieġa ta' mandat bħal dak illi qed jintalab fil-proċeduri odjerni;

28. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tieni rekwiżit mhuwiex sodisfatt fil-każ odjern.

**C. <u>It-Tielet Rekwiżit</u>**

29. Finalment, f'dak illi huwa l-preġudizzju illi jista' jiġi arrekat lis-soċjeta' rikorrenti fil-każ illi ma tintlaqax it-talba tagħha, din il-Qorti rat illi l-biża' tar-rikorrenti huwa illi joħorġu flus tal-kumpanija, u ma jkunux jistgħu jerġgħu jintraddu lura. Hekk kif ġia ġie spjegat f'ġurisprudenza aktar 'il fuq, it-telf pekunjarju rifless f'telf ta' flus jew qliegħ ma jitqiesx illi huwa preġudizzju serju tali illi fuqu għandha tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas ġie sodisfatt it-tielet rekwiżit fil-każ odjern, stante illi l-preġudizzju illi r-rikorrenti qed isostnu illi jista' jiġi arrekat lilhom huwa preġudizzju illi jista' jiġi rimedjat b'diversi modi mogħtija lilhom mil-liġi.

**Decide**

30. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tirrevoka *contrario imperio*** d-digriet tal-ħamsa (5) ta' Frar 2025; u

ii. **Tiċħad** it-talba rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu ta' Iurii Degitar u Mykhailo Tretiak.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Marzu 2025.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**